Minuti tal-Laqgħa Nru. 36 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta, 14 t' April 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Skużata | Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders
5. Xogħolijiet
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 3.4 il-Kunsillier Falzon qal li huwa waqt il-laqgħa kien qal li ma jaqbilx mal pjanta kif kienet saret. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qabel mal-prinċipju li jkun hemm traffic management li huwa differenti mill-pjanta.

1.2 Il-Kunsillier Falzon qal li huwa kellu minuti differenti minn dawk li kellhom il-Kunsilliera l-oħra. Huwa qal li l-minuti li kellu kien fihom aktar punti fejn hemm iddettaljat kif kien issemma s-suġġett.

1.3 Is-Sindku reġa saqsa lill-Kunsilliera jekk huma jaqblux li jkun hemm traffic management fiż-żona. Huma għal darb oħra reġgħu ikkonfermaw li jaqblu li jkun hemm traffic management.

1.4 Il-Kunsillier Caruana qal li hemhekk matul il-ġurnata kien ippropona li jkun hemm ħin li fih jistgħu jużawh il-coaches u ħin minhom li jkun jista jintuża l-parkeġġ mir-residenti.

1.5 Il-Kunsillier Falzon semma li huwa dakinhar tal-laqgħa kien qal biex issir iż-żebgħa bi prova u nkunu nistgħu nevalwaw is-sitwazzjoni. Huwa qal li dan il-punt ma kienx imniżżel fil-minuti.

1.6 Il-Kunsillier Falzon talab lis-Segretarju biex isiru emendi fil-minuti kif kien semma huwa dakinhar tal-laqgħa.

1.7 Is-Segretarju talab skuża mal-Kunsilliera fuq dak li ġara u qal li se jagħmel il-korezzjonijiet neċessarji.

1.8 Il-Kunsillier Caruana qal li fil-pjanta li kien hemm tal-Kunsill ta' qabel kien hemm li trid issir central strip fejn illum hemm tal-insurance u anki bus shelter fiż-żona. Is-Sindku qal li qabel ma jkun hemm deċiżjoni finali l-ewwel irid ikun hemm konsultazzjoni minn naħa tar-residenti.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq l-ammont tad-Daycentre kemm kien sewa x-xogħol. Is-Segretarju qal li huwa kien lesta summary tax-xogħolijiet kollha li s' issa telgħet madwar € 120,000. Huwa qal li jonqos jkunu ikalkulati l-aperturi tal-aluminju. Is-Sindku qal li dan il-proġett b' kollox huwa stmat li jiswa madwar € 150,000.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju qara email fuq persuna li tkun tista tipprovdi courses tal-crafts għat tfal. Il-Kunsilliera Massa qalet li din l-inizjattiva tkun tajba għalina.

3.2 Is-Segretarju qara email fuq course li jikkonċerna l-għarfien sesswali biex minn ikun interessat jista jattendi.

3.3 Is-Segretarju ressaq email li kien hemm applikazzjoni annessa magħha fuq Premju Nazzjonali favur l-Intrapriża. Huwa qal li jekk nafu b xi opportunitajiet li ta l-Kunsill Lokali biex jgħin l-intrapriżi nikkunsidrawhom.

3.4 Is-Segretarju ressaq email li tikkonċerna żjajar li kienu se jsiru għall Knisja tal-Vitorja biex wieħed ikun jista jammirra l-proġett tar-restawr li qed isir.

3.5 Kien hemm email ukoll mill-Heritage Malta li kienet tikkonċerna itinerarju li jista jsir għall ċertu siti bi prezz speċjali.

3.6 Kien hemm email oħra li kienet tikkonċerna fuq l-Imnarja biex jekk hemm Kunsilli interessati jistgħu jtellgħu stand waqt din il-festa.

## 4.0 TENDERS

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li huwa kien se jgħaddi għal items tat-tenders. Huwa qal li kien se jibda fuq l-item tat-tenders tal-lattrina. Il-Kunsillier Falzon talab biex joħroġ mill-kamra biex ma jkunx hemm kunflitt t' interess.

4.2 Is-Sindku informa li l-orħos żewġ offerti li kien hawn kienu minn żewġ persuni minn Ħal Luqa, Andrew Attard li diġa kien jagħti dan is-servizz u Carmel Muscat li applika għal dan it-tender l-ewwel darba. Huwa qal li kienet saret laqgħa magħhom fejn kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju u l-Viċi Sindku fejn tagħhom tlett options waħda minhom li jagħmlu sitt xhur kull wieħed, jew ittellgħu bix-xorti u minn jintgħażel jieħu t-tender jew inkella li jissottomettu offerta oħra li tkun fl-istess ħin orħos mit-tielet l-orħos offerta. Huma qablu mal-ewwel option li hi li jagħmlu terminu ta sitt xhur kull wieħed. Is-Sindku kien infurmahom li wara li jagħmlu t-terminu tagħhom ta sena il-Kunsill jerġa joħroġ it-tender.

4.3 Is-Sindku ppropona li peress li kien hemm dan il-qbil bejn dawn iż-żewġ partijiet u peress li kienet l-orħos offerta, jkun għall ġid tar-raħal kollu.

4.4 Il-Kunsilliera Lucia Massa, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Caruana flimkien mas-Sindku kienu favur din id-deċiżjoni filwaqt li l-Kunsillier Camilleri astjena.

4.5 Is-Segretarju ressaq it-tender fuq l-Insurance Policy fejn huwa qal li kien hemm tlett offerti tal-Island Insurance Borkers, Melita Unipol u Allcare Insurance Agency. Is-Segretarju qal li dawn it-tlett offerenti kollha ikkwotaw fuq l-istess affarijiet peress li t-tender kellu r-rikjesta tat-talbiet li talab il-Kunsill. Is-Sindku issuġerrixxa li tintgħażel l-orħos offerta li kienet dik tal-Island Insurance Brokers. Il-Kunsillier Caruana qal li din l-offerta kienet irħisa wisq u turi tħassib. Is-Sindku qal li dawn l-Insurers kellhom Kunsilli Lokali oħra bl-assikurazzjoni magħhom u jidher li ma kien hemm xejn ħażin dwarhom. Favur din l-għażla kien hemm is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Massa filwaqt li l-Kunsillier Camilleri u l-Kunsillier Falzon astjenew u l-Kunsillier Caruana kien kontra.

4.6 Is-Sindku ressaq it-tender li kien jikkonċerna l-knis ġewwa l-lokalita fejn qara l-ammont tal-offerti. Huwa qal li l-offerta tan-Northern Cleaning ma kinitx l-ogħla offerta u semma li bħala kuntrattur li huwa jagħti s-servizz għall ġbir ta skart, il-Kunsill Lokali qatt ma kellu problemi fuq dan is-servizz. Is-Sindku semma li jekk imorru għall orħos offerta dan il-kuntrattur se jkun qed jaħdem bi prekarjat għax dan mhux se jkopri l-ħlas ta żewġ ħaddiema

kif talab il-Kunsill. Huwa qal li Northern Cleaning peress li diġa joffri servizz ta' ġbir ta skart jkun jista mill-istess servizz jkompli jagħmel tajjeb għall pagi tal-ħaddiema tiegħu minn dan is-servizz u l-Kunsill fl-istess ħin ikun jaqbillu għax ikunu l-istess persuni li qed jagħtu s-servizz u b' hekk ikun assigurat li s-servizz ikun tajjeb. Is-Sindku qal ukoll li din kienet fost it-tieni mill-orħos offerti.

4.7 Is-Sindku semma li WM Environmental li huwa wkoll li l-kuntrattur preżenti, aparti li kienet l-ogħla offerta kellu wkoll diversi rapporti minn nies fuq toroq kemm f' Ħal Luqa u Ħal Farruġ li l-kennies ma kienx qed jiknishom. Is-Segretarju ikkonferma li kien hemm numru t' emails u ittri ta twissija li ntbgħatu lill-kuntrattur fuq toroq ġewwa Ħal Luqa u Ħal Farruġ, dawn aparti li l-kennies ingħata twissijiet verbalment regolari rigward l-ilmenti li kienu qed jaslulu l-Kunsill mir-residenti. Is-Segretarju semma li kien hemm diversi telefonati ukoll minn residenti ta' Ħal Farruġ fejn qalulu li huma qatt ma raw kennies jiknes tant u hekk li kien ikollu jassenja żewġ ħaddiema tal-Kunsill b' mod regolari biex jagħmlu x-xogħol li suppost kien jagħmlu l-kennies.

4.8 Meta s-Sindku ressaq din il-proposta għal vot favur din id-deċiżjoni kien hemm il-Kunsilliera kollha preżenti ħlief għall Kunsillier Camilleri li astjena.

4.9 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Camilleri għala huwa qed jastjeni fejn dan wieġeb li din id-deċiżjoni għandu jeħodha l-Kunsill il-ġdid.

4.10 Il-Viċi Sindku qal lill-Kunsillier Camilleri li għandu jkollu raġuni valida għax huwa bħala Kunsillier irid jerfa r-responsabilta li qed jerfgħu l-Kunsilliera l-oħrajn fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u anki billi din il-leġislatura għadha ma ġietx fi tmiemha.

4.11 Is-Sindku sostna ma dak li kien qed jgħid il-Viċi Sindku peress li s-sejħa għall offerti kienet saret f' Diċembru 2014 meta l-Kunsill preżenti li l-Kunsillier Camilleri kien jifforma parti minnu kien għadu qed jiggverna hu u għaldaqstant m' għandux jitgħabba l-Kunsill il-ġdid b' deċiżjonijiet li suppost ittieħdu f' leġislatura preċedenti. Għaldaqstant is-Sindku reġa talab lill-Kunsill jekk jaqblux li għandna nieħdu id-deċiżjoni f' dal-mument. Il-Kunsilliera preżenti qablu li din id-deċiżjoni trid tittieħed waqt din il-laqgħa u għalhekk reġgħu ikkonfermaw id-deċiżjoni li huma kienu ħadu fuq dan it-tender.

**5.0 XOGĦOLIJIET**

5.1 Is-Sindku qal li ftit ilu saret konferenza stampa fejn huwa kien informa l-media kif kien se jsir il-proġett tal-Bandli l-ġdid. Il-Kunsillier Caruana qal li huwa kien għadu ma rax il-pjanta ta dan il-proġett. Is-Sindku qallu li din il-pjanta kienet ilha żmien il-Kunsill u dan seta jiġa jaraha meta jrid.

5.2 Is-Sindku qal li bħala toroq tal-PPP saru Triq ir-Rixtellu u bħalissa qed isir Triq Ħal Saflieni. Huwa qal li waqt li kienu qed isiru dawn it-toroq il-Kunsill kellu jagħmel ukoll is-servizzi tal-ilma mill-ġdid u b' hekk daħal fi spejjeż aktar billi għax xogħolijiet tas-servizzi dawn jitħallsu mill-Kunsill.

**6.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

6.1 Il-Kunsillier Camilleri semma waqt il-laqgħa tal-Kunsill kif Ingrid Borg li hija ħaddiema tal-Kunsill Lokali ma tgħollix fl-iskala. Is-Sindku irrisponda li biex issir ħaġa bħal din

hemm proċedura li trid tkun osservata fejn hija trid tagħmel talba formali bil-Union u tkun imressqa waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

6.2 Il-Kunsillier Caruana semma kif il-lift ġie jiswa madwar € 16,000. Is-Segretarju qal li hawn kien diġa sar pagament qabel ta € 10,000 u għalhekk dan il-pagament huwa r-rimanenti fuq dan l-item.

6.3 Il-Kunsillier Caruana qal li s-Segretarju kellu jinfurmah meta jkun ġej il-Perit biex ikejjel ix-xogħolijiet ta Vince Galea u ma nfurmahx. Is-Segretarju qallu li din ma kinitx xi ħaġa kbira li huwa nesa meta kien hemm daqshekk pressura ta xogħol f' dawk iż-żminijiet li sar il-kejl minħabba l-inawgurazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv. Is-Sindku qal lill-Victor li ma jistax jifhem kif kull meta jara x-xogħolijiet ta dan il-kuntrattur dejjem jsib xi oġġezzjoni fuq xogħolijiet li jkunu approvatti mill-Kunsill.

6.4 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-iskeda tal-pagamenti ħlief għall Kunsillier Caruana li qal li huwa kontra ċertu pagamenti.

6.5 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera li x-xogħol ma jsirx biss waqt il-laqgħa imma hemm ħafna xogħol li ma jidhrirx. Huwa appella lill-Kunsilliera li dawn jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom matul ix-xahar kollu u mhux iħalluhom għal dakinhar li jkun hemm il-laqgħa.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 14 t' April 2015 fis-6.40 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

______________________ ______________________

John Schembri — Michael Portelli

Sindku — Segretarju Eżekuttiv